MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru 236/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Emanuel Duca**

**Illum 27 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Emanuel Duca ta' 41 sena, bin il-mejjet Joseph u Miriam nee` Seguna,

imwieled Vittoriosa fil-11 ta' Lulju 1963 u residenti 176, Triq il-Fossili, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita` numru 393363M gie akkuzat talli fil-21 ta' Frar 2005, ghall habta tat-2.45pm fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' cash box min gewwa l'fond Heritage Malta li jinsab fl-Universita` l-Antika fi Triq Merkanti Valletta, ghad dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 268 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok PMA 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u l-Ispettur Alexander Grech iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d), 279, 280 (1) u 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Duca, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u l-Ispettur Alexander Grech iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat

taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Duca l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------